II

(Komunikazzjonijiet)

FTEHIM INTERISTITUZZJONALI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ppubblikata skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ 39727 – CEZ

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 202/01)

1. INTRODUZZJONI

1. Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat [1], il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'dawk il-każijiet fejn ikollha l-intenzjoni li tadotta deċiżjoni li tobbliga li ksur jinġieb fit-temm u l-partijiet ikkonċernati joffru li jidħlu għal irbit li jkun jissodisfa t-tħassib indikat lilhom mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni preliminari tagħha – li dak l-irbit isir vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u tikkonkludi li ma jkunx hemm aktar raġunijiet għall-azzjoni mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni tippubblika taqsira tal-każ u tal-kontenut prinċipali tar-rabtiet. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw il-kummenti tagħhom mhux aktar tard minn data li tiġi stabbilita mill-Kummissjoni.

2. TAQSIRA TAL-KAŻ

2. Fis-26 ta' Ġunju 2012 il-Kummissjoni adottat evalwazzjoni preliminari dwar allegazzjonijiet ta' ksur minn ČEZ a.s. ("CEZ") fis-suq tal-ġenerazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fir-Repubblika Ċeka. Dan id-dokument huwa evalwazzjoni preliminari fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

3. Skont l-evalwazzjoni preliminari, CEZ għandha pożizzjoni dominanti fis-suq tal-ġenerazzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fir-Repubblika Ċeka. Fl-evalwazzjoni preminiari ntwera t-tħassib jista' jkun li CEZ abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha skont l-Artikolu 102 tat-Trattat billi, b'mod preventiv, irriżervat ammont ta' produzzjoni potenzjali fin-netwerk tat-trażmissjoni. L-imġiba ta' CEZ setgħet wasslet biex xi kompetituri ma jitħallewx jagħmlu investimenti ġodda fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u b'hekk ma jidħlux fis-suq tal-ġenerazzjoni u l-provvista bl-ingrossa tal-elettriku fir-Repubblika Ċeka.

3. IL-KONTENUT PRINĊIPALI TAL-IRBIT OFFRUT

4. CEZ ma taqbilx mal-evalwazzjoni preliminari tal-Kummissjoni. Madankollu, offriet li tidħol għal irbit skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, biex tindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni fejn tidħol il-kompetizzjoni. L-elementi kruċjali tal-irbit huma dawn li ġejjin:

5. CEZ iċċedi wieħed mill-assi ta' ġenerazzjoni li ġejjin fir-Repubblika Ċeka lil xerrej xieraq li jiġi approvat mill-Kummissjoni:

(a) l-impjant tal-enerġija Pocerady, li jaħdem bil-linjite (1 000 MW) jew;

[1] ĠU C 115, 9.5.2008, p. 47.

(b) l-impjant tal-enerġija Chvaletice, li jaħdem bil-linjite (800 MW) jew;

(c) l-impjant tal-enerġija Detmarovice, li jaħdem bil-faħam (800 MW) jew;

(d) l-impjant tal-enerġija Melnik III, li jaħdem bil-linjite (500 MW) u l-impjanti tal-enerġija Tisova, li jaħdmu bil-linjite (Tisova I – 184 MW u Tisova II – 112 MW); iż-żewġ impjanti tal-enerġija (Melnik III u Tisova) jistgħu jinbiegħu separatament.

6. L-irbit miġbur fil-qosor hawn fuq huwa ppubblikat integralment bl-Ingliż fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni f'dan l-indirizz:

http://ec.europa.eu/competition/index_en.html

4. **STEDINA GĦAL KUMMENTI**

7. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni, suġġett għal ittestjar tas-suq, li tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 biex tiddikjara li l-irbit, miġbur fil-qosor hawn fuq u ppubblikat fuq l-Internet fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, huwa vinkolanti. F'każ li jkun hemm bidliet sostanzjali fl-irbit, jitnieda ttestjar ġdid tas-suq.

8. Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-irbit li qed ikun propost. Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Partijiet terzi interessati huma mitluba wkoll biex jippreżentaw verzjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom li fiha titħassar l-informazzjoni kollha li huma jqisu bħala sigriet kummerċjali, kif ukoll informazzjoni kunfidenzjali oħra, u tiġi ssostitwita skont kif ikun hemm bżonn permezz ta' sommarju mhux kunfidenzjali jew permezz tal-kliem "sigriet kummerċjali", jew "kunfidenzjali".

9. It-tweġibiet u l-kummenti għandhom preferibbilment ikunu mmotivati u għandhom ifissru l-fatti relevanti kollha. Jekk inti tidentifika problema f'xi parti tar-rabtiet proposti, il-Kummissjoni tistiednek ukoll biex tissuġġerixxi xi soluzzjoni possibbli.

10. Il-kummenti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni bin-numru ta' referenza 39727 – CEZ, permezz tal-e-mail (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu), bil-feks (+32 22950128) jew bil-posta, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Antitrust Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË